# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' nhar it-3 t'Ottubru 2024**

**Rik. Gur. Nru.: 139/2022 JPG**

**Kawza Numru : 18**

**KX f'isimha propju u bhala kuratrici ad litem f'isem binha l-minuri TCX**

**Vs**

**FC**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' KX datat 28 ta' Gunju 2022, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

*Tesponi bir-rispett u bil-ġurament tagħha tikkonferma illi:*

1. *L-attriċi kellha tarbija bl-isem ta' TCX minn relazzjoni li kellha mal-konvenut FC, liema tarbija twieldet f'X (ara ċ-ċertifikat tat-twelid hawn anness u mmarkat bħala* ***'Dok. A')****.*

2. *L-intimat qatt m'għamel sforz jew wera interess li jkun involut fil-ħajja tal-minuri, wisq anqas qatt ma ħallas manteniment għal ibnu jew ikkontribwixxa lejn spejjeż edukattivi, mediċi u extra-kurrikulari tal-istess minuri.*

3. *Sa mit-twelid tal-minuri ma kienx hemm dubju dwar il-paternita tal-intimat versu l-minuri TCX però minkejja dan il-missier intimat qatt ma refa' responsabbiltajiet fit-trobbija tal-minuri.*

4. *L-intimat irrikonoxxa lill-minuri TCX bħala l-wild naturali tiegħu wara li kien notifikat permezz ta' ittra uffiċjali (ref nru 103/2021) datata 15 ta' Novembru 2021, u permezz tar-risposta tiegħu datata 16 ta' Novembru 2021 sar ir-rikonoxximent da parti tiegħu.*

5. *Il-konvenut huwa obbligat li mhux biss imantni lill-imsemmi ibnu minuri fil-futur, iżda li jħallas kull manteniment mid-data tat-twelid tat-tarbija minuri sal-lum, u dan in linea mal-prinċipju kif konfermat fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-27 ta' Frar 2009 ( ref App Civ Nru 257/2006/1).*

6. *Il-medjazzjoni bejn il-partijiet ma rnexxietx, u kienet dikjarata mitmuma nhar it-tmienja u għoxrin (28) t'April 2022, u għalhekk entro t-terminu legali kellha tiġi ntavolata din il-kawża.*

*Jgħid għalhekk l-intimat għaliex din l-Onorabbli Qorti m'għandiex għar-raġunijiet fuq imsemmija:*

1. ***Tillikwida u tikkundanna** lill-intimat iħallas lill-attriċi dik is-somma li tiġi likwidata in linea ta' manteniment għat-tifel minuri TCX okkorrendo b'opera ta' periti nominandi, u tordna li tali manteniment għandu jitħallas regolarment kull erba' (4) ġimgħat.*

2. ***Tillikwida u tordna** li l-imsemmi manteniment ikopri l-ispejjeż ta' saħħa, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari tal-minuri;*

3. ***Tillikwida** somma li għandha tirrifletti dak li kien ikollu jħallas l-intimat mid-data tat-twelid tat-tarbija TCX (mil-21 ta' Marzu 2010) sad-data tas-sentenza effettiva 'per diem' in linea ta' manteniment għall-imsemmi minuri TCX bl-imgħaxijiet legali skond il-liġi u **tikkundanna** lill-istess*

*intimat iħallas lill-attriċi tali somma hekk likwidata fi żmien qasir u perentorju;*

4. ***Tordna*** *li l-minuri għandu jirrisjedi b'mod permanenti mal-attriċi ommu;*

5. ***Tafda*** *l-kura u l-kustodja esklussiva tal-minuri TCX f'idejn l-attriċi, b'dana illi d-deċiżjonijiet kollha li jirrigwardaw lill-minuri, kemm dawk ta' natura ordinarja kif ukoll dawk ta' natura straordinarja u ċioe` dawk ta' edukazzjoni, saħħa, attivitajiet extra-kurrikulari u deċiżjonijiet dwar il-ħruġ o meno ta' passaport, jittieħdu esklussivament mir-rikorrenti waħidha mingħajr ħtieġa tal-firma tal-intimat jew il-presenza tiegħu;*

6. ***Tagħti*** *dawk il-provvedimenti xierqa u opportuni li jikkonċernaw l-aċċess tal-minuri TCX favur l-intimat FC.*

*Bl-ispejjeż, kontra l-intimat li huwa minn issa nġunt għas-subizzjoni.*

Rat id-digriet taghha tas-7 ta Lulju 2024;

Rat illi l-atti tar-rikors promotur, id-dokumenti esebiti u d-digriet ta' dain il-Qorti gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta guramentata ta' FC, datata 10 t'Awwissu 2022, a fol 10 et seq., li taqra hekk:

1. *Illi l-intimat gie debitament notifikat bir-rikors guramentat tar-rikorrenti u ser iwiegeb kif ser isegwi;*

2. *Illi kien proprju ricenti li l-minuri gie rikonoxxut mill-intimat, dan wara li r-rikorrenti pprocediet b'kawza ta' paternita' kontra l-istess intimat, fejn bi qbil bejn il-partijiet u sabiex ma jkunx hemm spejjez inutli, l-intimat resaq ghar-rikonoxximent tal-minuri TCX;*

3. *Illi jinghad li lanqas da parti tar-rikorrenti qatt ma kien hemm sfozr sabiex il-*

*minuri TCX jigi rikonoxxut mill-intimat qabel is-sena 2021, jigifieri hdax (11) il-sena wara t-twelid tal-minuri;*

4. *Illi bhala sfond l-intimat ifakkar li lura fis-sena 2008 u permezz ta' sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhal Qorti ta' Gudikatura Kriminali (872/2008JPG) datata 30 ta' April 2012, ir-rikorrenti flimkien ma' ommha u missierha kienet talbu li jinhargu akkuzi kontra l-intimat kif jirrizulta ahjar mis-sentenza li kopja taghha qeghda tigi annessa (Dok 'A');*

5. *Illi minn hemm il-quddiem tista tghid li r-rikorrenti u l-familja tar-rikorrenti ghamlu minn kollox biex eskludew lill-intimat mill-hajja tal-minuri TCX u kien biss wara hdax (11) il-sena li r-rikorrenti tfaccat u talbet lill-intimat jirrikonoxxi lil minuri bl-ghan ahhari jkun proprju dak li titlob l-arretrati kif qeghda titlob permess tat-tielet (3) talba taghha, apparti t-talba ghal manteniment u l-ispejjez marbuta mal-edukazzjoni, sahha u extra kurrikulari tal-minuri, di piu' l-imghax;*

6. *Illi l-intimat joggezzjona ghall-ewwel (1) talba li jitlob li l-manteniment li ser jigi ordnat ghandu jirrifletti l-introjtu tal-intimat u jithallas fix-xahar u mhux kull erba (4) gimghat kif qed titlob ir-rikorrenti;*

7. *Illi l-intimat joggezzjona ghat-tieni (2) talba u dan ghal fatt li matul il-Medjazzjoni r-rikorrenti nfurmat lill-intimat li l-minuri jattendi skola privata u certament l-intimat mhux f'posizzjoni li jhallas mizati ta' skola privata li wara kollox intghazlet esklussivament mir-rikorrenti b'ghazla taghha;*

8. *Illi l-intimat ma joggezzjonax li l-minuri jibqa' jintbaghat fi skola privati pero ma jistax jigi addebitat lilu piz li ma jiflahx ghalih;*

9. *Illi fil-kuntest tat-tieni (2) talba l-intimat joggezzjona ukoll ghal dik il-parti tat-talba fejn ir-rikorrenti talbet ghal hlas tal-extra kurrikulari u dan sta ghal fatt li waqt il-Medjazzjoni r-rikorrenti semmiet diversi attivitajiet u extra kurrikulari li ghalihom jattendi l-minuri;*

10. *Illi apparti l-fatt li dawn gew maghzula esklussivament mir-rikorrenti mhuwiex korrett li ghax b'ghazla tal-istess rikorrenti l-minuri jattendi diversi attivitajiet u extra kurrikulari dan ifisser li l-intimat irid jivversa nofs l-ispejjez, apparti l-fatt li*

*l-intimat mhuwiex f'posizzjoni li jhallas ghal nofs l-attivitajiet extra kurrikulari. Illi jkun ukoll opportun li r-rikorrenti taghti aktar dettalji dwar l-extra kurrikulari li jattendi l-minuri;*

11. *Illi fil-kuntest tat-tieni (2) talba fejn tikkoncerna spejjez ta' sahha l-intimat mhuwiex edott bil-fatti dwar l-ispejjez li jinkorri l-minuri u ghalhekk ikun opportun li r-rikorrenti taghti aktar dettalji;*

12. *Illi l-intimat joggezzjona ghat-tielet (3) talba tar-rikorrenti u jitlob li din tigi michuda fl-intier. Dan ghal fatt li r-rikonoxximent legali tal-minuri sar proprju matul is-sena 2021 kif ser jirrizulta. Inoltre r-rikorrenti hi skorretta meta tghid li l-intimat ma ghamel xejn biex ikun partecipi fil-hajja tal-minuri, il-verita hi li r-rikorrenti u l-familja taghha ghamlu minn kollox biex eskludewh u allontanawh minn mal-minuri . Bejn il-partijiet hemm kwistjoni li tmur lura sa mis-sena 2003 kif ser jigi spejgat tul il-kors tas-smiegh ta' din il-kawza;*

13. *Illi l-intimat ma joggezzjonax ghar-raba (4) talba;*

14. *Illi l-intimat joggezzjona ghal hames (5) talba ghar-ragunijiet kif ser jigu spjegati tul il-kors tas-smiegh ta' din il-kawza. Illi jekk ir-rikorrenti tinghata mano libera fuq id-decizjonijiet li jikkoncernaw lil minuri dan ifisser li l-irwol li l-intimat ser ikollu fil-hajja tal-minuri ser ikun dak li jhallas ghal kapricci tar-rikorrenti. B'kull rispetto irid jigi sa minn issa rilevat li l-intimat mhux f'posizzjoni finanzjarja li jibghat u jhallas ghal skejjel privati, extra kurrikulari bl-addocc u spejjez ta' sahha li joffri l-privat;*

15. *Illi l-intimat jaqbel mas-sitt (6) talba u jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti takkorda access immedjat versu l-minuri.*

Semghat ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti proċesswali kollha u id-dokumentazzjoni kollha;

Semghet it-trattazzjoni finali mill-avukati difensuri tal-partijiet;

**Ikkonsidrat:**

Illi din hija sentenza wara proceduri intavolati mill-attrici omm fejn qieghda titlob illi missier il-minuri binhom, iħallas manteniment għall-bżonnijiet tal-istess minuri kemm fil-preżent sal-mument li tippermetti l-liġi kif ukoll b'mod restrospettiv; kif ukoll illi din il-Qorti takkorda l-kura u kustodja tal-minuri esklussivament f'idejn l-attriċi Omm.

Il-Qorti rat id-digriet mogħti minnha nhar 13 ta' Jannar 2023 fejn wara t-talba għal manteniment *pendente lite* mressqa mill-attriċi fl-ewwel udjenza u wara li l-partijiet ippreżentaw dokumentazzjoni relattivi għall-introjtu rispettiv tagħhom, din il-Qorti ordnat kif ġej:

1) *Tilqa' din it-talba u tordna illi intimat iħallas is-somma ta' mitejn u hamsin Ewro (€250) fix-xahar bhala manteniment ghall-minuri TCX u tordna illi l-manteniment dovut ghandu jizdied skond l-indici tal-gholi tal-hajja kull sena;*
2) *Tordna illi l-ispejjes ta' sahha, edukazzjoni u dawk relatati mal-attivitajiet extra-kurrikulari ghandhom jithalsu bil-mod segwenti:*
    i. *L-attrici ghandha tibqa' thallas l-mizati tal-iskola privata b'mod esklussiv, b'dana illi l-ispejjes relatati max-xiri tal-kotba tal-iskola, stationary, u uniformi ghandhom jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet u dana fuq prezentata tad-debiti ricevuti.*
    j. *Il-privat tal-Maths fis-somma ta' erbghin Ewro (€40) kull xahar ghandu jithallas unikamnent mill-intimat.*
    k. *Illi fir-rigward tal-attivitajiet extra-kurrikulari bhal basketball u l-gym sessions, dawn ghandhom jithallsu b'mod ugwali mill-partijiet.*
    l. *Fir-rigward tal-ispejjes medici, il-Qorti tordna illi spejjes bazici bhal xiri ta' medicinali, ghandhom jinqasmu b'mod ugwali bejn il-partijiet, b'dana illi in vista tal-fatt li l-attrici minn rajha harget polza ta' assigurazzjoni medika ghal-minuri, din ghandha tkun a karigu taghha ghar-ragunijiet fuq indikati.*

**L-Provi Mressqa:**

L-attriċi xehdet permezz ta' affidavit (fol. 69) fejn stqarret li kellha relazzjoni mal-intimat meta kienet għadha minorenni filwaqt li l-intimat kien akbar minnha. Kienet

ħarġet tqila meta fis-sajf ta' wara r-raba' sena tas-sekondarja u wara ma rritornatx l-iskola għall-aħħar sena u lanqas poġġiet għall-eżamijiet tal-*O-levels*. Tgħid illi kienu ppruvaw jirrisjedu flimkien iżda wara xahrejn ħassru r-relazzjoni u marru jirrisjedu lura għand familthom. L-intimat kien tilef l-interess anke f'ibnu tarbija.

L-attriċi tgħid illi kienet ippruvat iżżomm lill-intimat fil-ħajja tat-tifel tant li kienet tiffittah biex jagħmel kuntatt ma' ibnu. Kienet tħoss immens meta kienu jiġu okkażjonijiet bħal Ġurnata ddedikata lill-Missirijiet u l-minuri kien ikun konfuż. Għalhekk kienet qalet lill-minuri li missieru jinsab imsiefer u kienet tixtrilu rigal ieħor f'għeluq sninu u fil-Milied u tgħidli li kien bgħatulu missieru.

Tgħid illi kien hemm sajf fejn kienu ġew f'arranġament li l-intimat jieħu t-tifel għal ftit siegħat darba fil-ġimgħa iżda dan l-arranġament ma damx aktar minn ftit xhur. Madanakollu l-minuri għadu mixtieq minn din ir-relazzjoni ma' missieru u jistaqsi jekk jixbhux.

Tgħid illi llum il-minuri għandu tnax-il sena u għandu l-mobile tiegħu u għalhekk kwalunkwe aċċess jista' jiġi stabbilit miegħu. Madanakollu titlob lil din il-Qorti illi tara li l-intimat missier iżomm kelmtu meta jgħid li se jeżerċita aċċess biex ma jkomplix jagħmel ħsara lill-minuri. Tgħid illi l-kura u kustodja għandha tiġi fdata lilha sabiex ma jkollhiex bżonn tintavola rikorsi biex tkompli tieħu ħsieb lill-minuri bħal meta tiġi għal btajjel.

L-attriċi tat ukoll kalkolu ta' arretrati ta' manteniment dovut lilha b'rata ta' mitejn u ħamsin ewro (€250) fix-xahar u ċjoe ta' erba' u tletin elf, sebgħa mija u ħamsin (€34,750) liema ammont jeskludi sehem l-intimat mill-ispejjeż tas-saħħa, edukazzjoni u attivitajiet extrakurrikulari. Hija annettiet sett ta' irċevuti bħala provi tal-ispejjeż li nefqet relatati mal-edukazzjoni tal-minuri fis-snin riċenti. Tgħid illi l-minuri jattendi b'mod regolari għall-attivita' tal- *boxing* u jieħu dan l-isport b'serjeta'.

L-attriċi anke xehdet quddiem din il-Qorti fis-seduta tad-9 ta' Frar 2023 ;

Sabiex tikkorrabora l-verżjoni tagħha, l-attriċi resqet is-segwenti provi:

1. <u>Ix-xhieda ta' Louis Buhagiar in rappreżentanza ta' *Jobsplus* </u>li ppreżenta rendikont tal-impjieg tal-intimat missier li juri li l-istess missier biddel diversi impjiegi matul is-snin, b'uħud minnhom li issoktaw biss għal ftit ġranet. Jidher ukoll illi l-missier għamel diversi xhur bejn impjieg u ieħor, xi drabi anke perjodu ta' sentejn, mingħajr impjieg. Huwa ċar li l-missier ma kienx kapaċi jżomm impjieg b'mod stabbli u regolari.
2. <u>Ix-xhieda ta' Yanika Spiteri in rappreżentanza ta' Temple Group of Companies Ltd. </u>li ppreżentat kopja tal-kuntratt ta' impjieg tal-intimat missier mal-istess soċjeta' liema kuntratt jistabilixxi r-rata ta' ħames ewro u dsatax-il ċenteżmu (€5.19c) fis-siegħa bħala l-paga li jitħallas biha l-intimat missier;
3. <u>L-affidavit ta' YV, ossia omm l-attriċi, debitament maħluf nhar it-3 t'April 2023</u> (fol. 170) fejn tikkonferma illi bintha kienet bdiet toħroġ mal-intimat u tħarbtet mill-iskola tant li ġiet imkeċċija minn żewġ skejjel li kienet tattendi. Kienet ommha li xtratilha l-bżonnijiet kollha għat-tarbija u kemm l-attriċi u t-tarbija kienu jirrisjedu magħha fil-bidu. L-istess YV kienet ħeġġet lill-attriċi tkompli bl-istudji tagħha iżda minħabba l-ixkiel tal-intimat l-attriċi ġabet żewġ O-levels minn erbgħa. YV temmen li l-intimat abbuża mill-eta' giovanili tal-attriċi u kien għalhekk li kienet mexxiet bil-proċeduri kriminali kontrih, iżda fuq il-kliem ta' bintha li t-tifel tagħha kien ser ikollu missieru l-ħabs, kienet għadet pass lura waqt l-istess proċeduri. Tgħid illi kienet tkelmet mall-intimat biex ikun konsistenti fil-ħajja ta' ibnu u anke kienet toffrilu li ttih il-flus biex joħorġu sal-bandli. Meta kienu jkunu mifthema li se jiġi għalih, it-tifel kien jibqa' jistenna lill-missieru fuq is-sufan; kien hemm drabi fejn ma tfaċċax.

<u>*Il-Verzjoni tal-Intimat u l-Provi Mressqa Minnu:*</u>

L-intimat xehed quddiem din il-Qorti waqt is-seduta tat-22 ta' Mejju 2023 fejn iddikjara illi kienu l-familjari tal-attriċi illi kienu warbuh minn ħajjet it-tifel b'theddid. Meta kien twieled il-minuri huwa kien ibiddel ħafna impjiegi għax ma kienx jaf x'jixtieq jagħmel iżda fil-kors tal-proċeduri odjerni kien ilu jaħdem sentejn ma' stabbiliment tal-ġojellerija. Jgħid illi mill-ftit flus li kien ikollu kien jagħti għall-minuri sabiex jixtrulu dak li kien ikun irid. Jgħid illi kien jiġi mhedded mill-ġenituri tal-attriċi tant li anke kien għamel rapport fuq dan it-theddid iżda sussegwentement ma kienx baqa' jmur għax kien jara lill Pulizija ma jieħdux azzjoni.

Jgħid illi r-relazzjoni tagħhom spiċċat meta kienu qed jgħixu flimkien u l-attriċi qaltlu li kienet sejra torqod għand ommha iżda minflok kienet ħarġet u hu ma hassx li dan kien ġust. Jgħid ukoll illi ma kienx jaf li l-minuri ma kienx ġie rreġistrat fuqu għaliex hu kien mar l-isptar mal-omm bħal kull ġenitur ieħor. Jgħid illi ġie rikonoxxut xi ħdax-il sena wara t-twelid meta rċieva ittra legali mingħand l-attriċi. Qabel dan ma kien sar xejn biex jiġi rikonoxxut bħala l-missier, minħabba li kien mar il-*labour office* biex jippercepixxi hu l-benefiċċju soċjali li kienet tingħata l-omm iżda wara xahar l-affarijiet reġgħu marru lura kif kienu.

Jgħid illi wara li spiċċat ir-relazzjoni kien hemm drabi fejn l-omm kienet ħadet lill-minuri għandu biex iżommu sakemm hi kienet toħroġ iżda hu ma fetaħ l-ebda proċeduri legali jew ġudizzjarji sabiex jirregola l-aċċess tiegħu minħabba li ma kienx finanzjarjament stabbli u anke minħabba t-theddid li kien jirċievi mingħand il-ġenituri tal-attriċi.

L-intimat xehed ukoll permezz ta' affidavit (fol. 230) li permezz tiegħu jiddikjara illi għalkemm dejjem kellu introjtu baxx, fiż-żmien li l-partijiet kienu flimkien huwa kien jikkontribwixxi għal bżonnijiet ta' ibnu. Jgħid ill illum-il ġurnata qiegħed f'relazzjoni stabbli u għandu wild ieħor u għalhekk mill-introjtu tiegħu irid imantni ukoll lil bintu u jgħix hu wkoll. Huwa ppreżenta kopja taċ-ċertifikat ta' bintu kif ukoll sett ta' *payslips* tiegħu sabiex jissostanzja d-dikjarazzjonijiet tiegħu fuq l-introjtu.

L-intimat ippreżenta kopja tar-rapport tal-Pulizija li jgħid li ntavola rigward theddid li rċieva mingħand il-ġenituri tal-attriċi madanakollu l-kontenut ta' dan ir-rapport huwa kollu redatt mill-Pulizija minkejja li huwa tiegħu stess għalhekk din il-Qorti mhix f'pożizzjoni li tikkonferma d-dikjarazzjoni tal-intimat.

In kontro-eżami, l-intimat xehed illi meta kellu impjieg, anke jekk għal xahar wieħed, dejjem ikkontribwixxa madwar tlett mitt ewro (€300) iżda riċevuti qatt ma għaddew bejn il-partijiet għax qatt ma basar li ser jispiċċaw bi proċeduri ġudizzjarji. Jgħid ukoll li hu kien jinsisti li jara lit-tifel iżda kienu jinqalgħu l-argumenti barra 'l bieb tad-dar ta' ommha u kienu jsejħu lil Pulizija. Rapporti lill-Pulizija dwar in-nuqqas ta' aċċess

għall-minuri qatt ma saru. Jgħid ukoll illi komunikazzjoni bejniethom kienet tkun tramite telefonati u li matul is-snin kien biddel diversi linji tat-telefonija.

Sabiex jikkorrabora l-verżjoni tiegħu, l-intimat ressaq is-segwenti provi:

Ix-xhieda ta' Saviour Theuma in rappreżentanza ta' *Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali* li ppreżenta rendikont tal-benefiċċji perċepiti mill-attriċi mis-sena 2010 'il quddiem sakemm l-attriċi bdiet taħdem fuq bażi *full-time*.

Fis-seduta tal-11 t'April 2024, xehed Anthony Bonnici u Marie Claire Tabone dwar telefonati li saru min-numri indikati fl-inġunżjoni għall-istess xhieda. Anthony Bonnici għas-soċjeta' Go p.l.c. xehed illi fiż-żmien sena preċedenti mill-inġunzjoni kien hemm biss **tlett (3) telefonati lejn in-numru tal-attriċi li saru kollha f'data waħda**. Kienet biss telefonata waħda minn dawn it-tlieta li ttieħdet u li damet biss madwar ħames sekondi. Marie Claire Tabone xehdet għas-soċjeta' Epic Communications Limited li **kien hemm linja waħda reġistrata f'isem l-intimat u li fis-sena preċedenti ma kienux saru telefonati minn din il-linja lejn in-numru tal-attriċi**.

**Ikkonsidrat:**

***Fir-rigward il-kura u l-kustodja u l-access tal-ulied***

Illi huwa ritenut fil-gurisprudenza taghna li f'sitwazzjonijiet bhal dawn ghandu jipprevali fuq kollox ***l-aqwa interess tal-minuri.*** [1] Fis-sentenza fl-ismijiet ***Maria Dolores sive Doris Scicluna vs Anthony Scicluna*** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta' Novembru 2003 intqal illi:

> *"**apparti l-ħsieb ta' ordni morali u dak ta' ordni legali, li għandhom setgħa fil-materja ta' kura u kustodja tat-tfal in ġenerali, il-prinċipju dominanti 'in subjecta materia', li jiddetermina normalment u ġeneralment il-kwistjonijiet bħal din insorta f'dina l-kawża, huwa dak tal-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantaġġ u nteress tal-istess minuri fl- isfond***

[1] Enfazi tal-Qorti.

***taċ-ċirkostanzi personali u 'de facto' li jkunu jirriżultaw mill-provi tal-każ li jrid jiġi riżolut..."***

Illi l-Qorti ghaldaqstant ghandha s-setgha illi jekk ikun fl-ahjar interess tal-minuri, tafda wiehed biss mill-genituri bil-kura u l-kustodja tal-minuri u dana ai termini tal-Artiklu 56 tal-Kodici Civili.[2] Illi kif kellha l-okkazjoni ttenni din il-Qorti diversi drabi, l-interess tal-minuri huwa iprem mid-drittijiet tal-genituri. Illi fid-decisjoni ta' din il-Qorti diversament presedita fis-sentenza fl-ismijiet: ***Frances Farrugia vs. Duncan Caruana***, deċiża fil-31 ta' Mejju 2017:[3]

***Il-Qorti tirrileva illi filwaqt li dejjem taghti piz ghad-dritijiet tal-genituri, l-interess supreme li zzomm quddiemha huwa dejjem dak tal-minuri kif anke mghallma mill-gurisprudenza kostanti taghna hawn 'il fuq iccitata.***

In tema legali ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet: ***Cedric Caruana vs Nicolette Mifsud***[4] fejn il-Qorti enfasizzat li fejn jidhlu l-minuri:

***'huwa ta' applikazzjoni assoluta l-Artiklu 149 tal-Kap 16 li jaghti poter lill-Qorti taghti kwalsiasi ordni fl-interess suprem tal-minuri. Fil-fehma tal-Qorti, l-Artiklu 149 tal-Kap 16 jaghmilha cara illi fejn jikkoncerna l-interess suprem tal-minuri, idejn il-Qorti m'hiex imxekla b'regoli stretti ta' procedura… fejn jidhlu d-drittijiet u l-interess suprem tal-minuri il-Qrati taghna ghandhom diskrezzjoni wiesgha hafna…. Addirittura l-Qorti tal-Familja ghandha s-setgha li tiehu kull provvediment fl-ahjar interess tal-minuri.'***[5]

Fi kliem il-Qorti tal-Appell fis-sentenza fl-ismijiet: ***L Darmanin vs Annalise Cassar***:[6]

---

[2] Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.
[3] Vide Rikors Ġuramentat 268/11AL.
[4] Deciza mill-Qorti tal-Appell nhar l- 4/3/2014.
[5] Vide A sive BC vs D sive EC deciza 30/6/2015 u Joseph Micallef vs Lesya Micallef deciza 14/12/2018.
[6] Deciza mill-Qorti talAppell fil-31 ta' Ottubru 2014.

> *"…….meta tigi biex tiddeciedi dwar kura u kustodja ta' minuru, il-Qorti ma ghandhiex* ***tkun iddettata u kondizzjonata mil-meriti u dimeriti tal-partijiet 'ut sic' izda biss x'inhu l-ahhjar interess tal-minuri".*** [7]

Din il-Qorti taghmel referenza ghall-pronunzjament tal-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) fid-decizjoni tagħha tal-25 ta' Novembru 1998 fl-ismijiet: ***Sylvia Melfi vs. Philip Vassallo*** irriteniet li:

> ***In this case the Court must seek to do what is in the sole interest of the minor child in its decision whether the care and custody of the child should be given to one parent or the other the Court must solely be guided by what is most beneficial to the child [...] The Court should at all times seek the best interests of the child irrespective of the allegation, true or false, made against each other by the parties. Such allegations often serve to distance oneself from the truth and serve to render almost impossible the search of the Court for the truth. This is why it is the duty of the court to always look for the interests of the child. Exaggerated controversies between the parties often make one wonder how much the parents have at heart the interest of their children. Sometimes parents are only interested at getting at each other and all they want is to pay back the other party through their minor child.***

Illi gie ritenut ukoll illi meta *si tratta* ta' drittijiet tal-minuri vis-à-vis d-drittijiet tal-genituri l-Qorti hija fid-dover li tqis dejjem dak li hu fl-ahjar interess tal-minuri u dan peress li fil-maggor parti tal-kazijiet li jitressqu ghad-decizzjonijiet tal-Qorti tal-Familja, kull decizzjoni immankabilment thalli effett duratur fuq il-hajja tal-minuri u fuq il-hajja ta' dawk ta' madwar il-minuri.

Illi din il-Qorti taghmel taghha b'mod partikolari l-insenjament tal-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet: ***Miriam Cauchi vs Francis Cauchi*** deciza fit-3 ta' Ottubru 2008 fejn gie korrettement osservat illi:

[7] Enfazi tal-Qorti.

> ***"Din il-Qorti tibda biex taghmilha cara li, fejn jidhlu minuri, m'hemmx dritt ghall-access, izda obbligu tal-genituri li t-tnejn jikkontribwixxu ghall-izvilupp tal-minuri li,ghal dan il-ghan, jehtigilha jkollha kuntatt ma' ommha u anke ma' missierha. Kwindi lil min jigi fdat bil-kura tal-minuri u kif jigi provdut l-access jiddependi mill-htigijiet tat-tifla u mhux mill-interess tal-genituri.[8] Huma l-genituri li jridu jakkomodaw lit-tfal, u mhux viceversa. L-importanti hu l-istabilita' emozzjonali tat-tifla, u li din jkollha kuntatt mal-genituri taghha bl-anqas disturb possibbli."***

*Fir-rigward il-manteniment ghall-ulied*

Il-principju legali tal-manteniment tal-ulied huwa msejjes fuq l-artikolu 7(1) tal-Kodiċi Ċivili li jipprovdi:

> ***"Il-genituri ghandhom l-obbligu li jiehdu hsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3B ta' dan il-Kodici."***

Kif jirrizulta mid-dispozizzjonijiet tal-Ligi, il-genituri ghandhom l-istess obbligu versu l-ulied tagħhom, u b'hekk iz-zewg genituri ghandhom jikkontribwixxu ghat-trobbija tal-ulied. L-obbligu taz-zewg genituri lejn l-ulied huwa kull wiehed skond il-mezzi tieghu, ikkalkulati skont il-bżonnijiet tal-artikolu 20 tal-Kodici Civili.

L-artikolu 20 tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi illi:

> ***(1) Il-manteniment għandu jingħata skont il-bżonn ta' min jitolbu u l-meżżi ta' min għandu jagħtih.***
>
> ***(2) Fl-istħarriġa sabiex jinsab jekk min jitlob il-manteniment jistax jaqalgħu xort' oħra, għandu jittieħed qies ukoll tal-ħila tiegħu fl- eżerċizzju ta' xi professjoni, arti jew sengħa.***
>
> ***(3) Meta jitqiesu l-meżżi ta' min hu obbligat għall-manteniment, għandu jingħad biss il-qliegħ tiegħu mix-xogħol tal-professjoni, arti jew sengħa, is-***

[8] Enfazi tal-Qorti.

***salarju jew il-pensjoni tiegħu mogħtija mill-Gvern jew minn ħaddiehor, u tal-utli tal-beni, sew mobbli u kemm immobbli u kull dħul li jinħoloq taħt trust.***

***(4) Ma jitqiesx li għandu meżżi biżżejjed biex jagħti l-manteniment min ma jistax jagħtih ħlief billi jilqa' f'daru l-persuna li titlob dak il- manteniment, jekk din il-persuna ma tkunx axxendent jew dixxendent.***

***(5) Meta jitqiesu l-meżżi ta' min jitlob il-manteniment, għandu jittieħed qies ukoll ta' kemm jiswew il-beni tieghu mobbli jew immobbli kif ukoll ta' kul interess beneficcju taht trust.***

Kif ritenut fil-gurisprudenza:

***...........Il-Qorti dejjem irriteniet illi l-ġenituri ma jistgħux jabdikaw mir-responsabilita` tagħhom li jmantnu lil uliedhom materjalment, hu kemm hu l-introjtu tagħhom. Dejjem kienet tal-fehma illi kull ġenitur għandu l-obbligu li jmantni lil uliedu anke jekk il-meżżi tiegħu huma baxxi jew jinsab diżokkupat. Il-Qorti ma tista qatt taċċetta li persuna ġġib it-tfal fid-dinja u titlaq kull responsabbilta` tagħhom fuq il-ġenitur l-iehor jew inkella fuq l-istat." (Ara Tiziana Caruana vs Redent Muscat (272/2018) deċiża mill-Prim' Awla Qorti***

***Ċivili fl-24 ta' Ġunju 2019; Liza Spiteri vs Luke Farrugia (219/2018) deċiża mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fit-2 ta' Ottubru 2019).***

Fil-każ Portelli Jennifer pro et noe vs Portelli John (Rik. Nru. 2668/1996) deciz mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fit-2 ta' Ottubru 2003, inghad hekk:

***".......l-obbligu taż-żewg ġenituri lejn l-ulied jibqa' bażikament l-istess dettat kull wieħed skont il-meżżi tiegħu, ikkalkulati skont id- dispozizzjonijiet tal-Artikolu 20 tal-istess Kap u l-bżonnijiet tal-minuri, u fl-interess tal-istess minuri."***

Relevanti wkoll huwa dak li ingħad fis-sentenza fl-ismijiet ***Marina Galea vs Mario Galea*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Jannar 2019:

> ***"Il-manteniment tat-tfal, fil-verita` izjed milli dritt tal-ġenitur li qed irabbihom, huwa dritt tat-tfal minuri li ma jisfawx mċaħħdin minn dawk l-affarijiet li d- dinja tal-lum tikkunsidra bħala neċessita` għall-edukazzjoni u għall-iżvilupp tagħhom."***

**Ikkonsidrat:**

Fir-rigward l-materja tal-arretrati mitluba mill-attrici mid-datat tat-twelied tal-minuri u l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, din il-Qorti sejra taghmel referenza ghas-segwenti decisjoni tal-Qorti tal-Familja fl-ismijiet: ***AB f'ismiha propju u bhala kuratrici ad litem ta' binha minuri C vs DE (Cit. Nru. 1211/2000/1) deciza 24 ta' Frar 2010 mill-Onor Imhallef N Cuschieri***:

> [***1] Illi gjaladarba jirrizulta stabbilit, bir-rikonoxximent tal-minuri u wkoll bil-konferma bit-testijiet genitici, li dan huwa l-wild naturali tal-konvenut, allura jiskatta l-obbligu da parti l-konvenut, qua genitur, li jmantni, jew jikkontribwixxi ghall-manteniment ta' ibnu sakemm dan jsir maggjorenni;***
>
> ***[2] Illi, kuntrarjament ghal dak sottomess b' mod konciz ghall-ahhar mill-konvenut, dan l-obbligu tal-konvenut jirrizali ghad-data tat-twelid tat-tifel, ghax la darba "dak l-istat gie accertat, ghandu naturalment jigi accertat mill-gurnata tat-twelid, ghax huwa assurd, diversament illi [il-konvenut] ikun missier bl-obbligu inerenti mill-gurnata tas-sentenza biss u mhux qabel." Din il-Qorti tosserva ulterjorment li, kemm ir-rikonoxximent kif ukoll is-sentenza li ddikdjarat il-paternita', ghandhom biss effett dikjaratorju ta' dritt inerenti gja ezistenti.***

Illi l-konvenut appella minn din id-decisjoni, izda dana l-hsieb gie kkonfermat mill-**Qorti tal-Appell fil-25 ta' Novembru 2011**. Illi dan dejjem kien il-hsieb addottat mill-Qrati nostrani. Illi filfatt fil-kawza **Grech v. Magri**, deciza fl-20 ta' Dicembru, 1946,

kienet ghamlet din l-osservazzjoni fuq l-obbligu tal-missier li jmantni lill-ibnu sa mit-twelid tat-tarbija:

> ***"Lanqas jista' jigi obbjettat illi meta l-attrici forniet dawk l-alimenti l-appellant ma kienx ghadu dikjarat, almenu in parti minnhom, missier naturali tal-minorenni, ghaliex ladarba s-sentenza ta' dina l-Qorti ddikjaratu missier naturali, dak l-istat, li ghandu jiswa quod omnes jirretroagixxi ghall-gurnata tat-twelid; ghaliex, kif jghid Laurent, Diritto Civile, VOL IV, nru. 20 et seq (ghalkemm dan l-awtur jittratta fuq ir-rikonoxximent volontarju), illi ladarba dak l-istat gie accertat, ghandu naturalment jigi accertat mill-gurnata tat-twelid, ghax huwa assurd, diversament, illi l-appellant ikun missier bl-obbligi inerenti mill-gurnata tas-sentenza biss u mhux qabel.***

Fir-rigward il-kwistjoni tal-preskrizzjoni din il-Qorti, filwaqt li taghmel referenza pjena ghal dak rilevat fid-decisjoni fl-imsijiet **AB f'isimha proprio u bhala kuratrici ad litem ta' binha minuri LF nominata b'digriet tat-18 ta' Jannar 2011 Vs SF deciza nhar is-26 ta' Otturbu 2020** rigward il-preskrizzjoni tal-manteniment ghall-ulied:

> ***Il-konvenut eccepixxa illi t-talba attrici ghall-arretrati ta' manteniment mid-data tat-twelid tal-minuri hija preskritta ai termini tal-artikolu 2156 (b) tal-Kodici Civili, u l-Qorti tqis illi jkun utli li tigi l-ewwel net ezaminata din l-eccezzjoni. Dan l-artikolu jipprovdi illi "l-azzjonijiet ghall-hlas ta' pensjoni ghall-manteniment" jaqghu bi preskrizzjoni ta' hames snin. L-artikolu 2123 (b) jipprovdi illi l-preskrizzjoni ma timxix bejn il-genitur u t-tifel …."***

Din il-Qorti tqis illi gialadarba kif rilevat aktar 'l fuq, id-dikjarazzjoni tal-istat li ragel huwa il-missier naturali ta' wild jirretroagixxi ghall-gurnata tat-twelid, b'konsegwenza ta' dan, l-istess japplika ghad-drittijiet u dmirijiet tal-istess ragel *qua* l-missier naturali (u issa legali) ta' dak l-istess wild, liema drittijiet u dmirijiet legalment jemanu minn dana l-istess stat. Illi ghalhekk ma hemmx preskrizzjoni.

Illi fil-każ odjern, hemm diskrepanza fil-verżjonijiet tal-partijiet. L-attriċi omm tiddikjara li l-missier qatt ma kien preżenti fil-ħajja tal-minuri u li qatt ma kkontribwixxa. Min-naħa l-oħra l-missier xehed illi meta ħadem dejjem ikkontribwixxa bejn mitejn u ħamsin ewro (€250) u tlett mitt ewro (€300) għall-bżonnijiet tal-minuri. Dan kien jgħaddihom bħala flus kontanti kull meta kien imur għat-tifel u jiltaqa' mal-Omm. Riċevuta qatt ma talab għax ma basarx li kienu ser jispiċċaw il-Qorti.

Din il-Qorti tqis il-verżjoni tal-Omm bħala dik li għandha aktar mis-sewwa. Dan għaliex l-ebda dikjarazzjoni tal-intimat ma ġiet korroborata. La talab irċevuta, la daħħal rapport, lanqas jirriżultaw it-telefonati li jgġid li kien jagħmel lill-Omm sabiex jifthemu meta ser jara lit-tifel. *Di piu'* meta ġie ordnat iħallas manteniment minn din il-Qorti fl-istess ammont li jgħid li kien jikkontribwixxa u ċjoe mitejn u ħamsin (€250) huma ntavola rikors nhar it-23 t'Awissu 2023 li permezz tiegħu talab riduzzjoni tal-istess ammont u dan billi issa għandu wild ieħor mas-sieħba tiegħu. Minkejja li jgħid li ma kellux minn fejn jipprovdi għall-bżonnijiet tal-minuri Timmy, l-intimat iddikjara fis-seduta tal-11 t'April 2024 illi kien qiegħed **jistenna t-tieni wild mas-sieħba tiegħu.**

Din il-Qorti tqis li l-intimat ma ppruvax sodiċfaċentement li matul is-snin ikkontribwixxa għall-bżonnijiet ta' ibnu u lanqas li kien preżenti f'ħajtu sabiex jikkontribwixxi bil-preżenza tiegħu. L-intimat ittenta jipprovdi diversi raġunijiet għal dan iżda fl-aħħar mill-aħħar ma ħa l-ebda passi, la qabel u lanqas wara li rrikonoxxa lill-ibnu, sabiex ikollu dritt ta' aċċess stabbilit versu ibnu – lanqas saħansitra kien jaf fejn il-minuri jattendi skola.

Hija indikattiva mmens il-forma mentis tal-intimat lejn ibnu, li minkejja li qatt ma hallas manteniment lill-attrici ghall-bzonnijiet ta' ibnu, l-intimat kien pront li japplika biex jippercepixxi huwa stess ic-children's allowance ta' Timmy.

Fid-dawl tal-fatti fuq indikati, fid-dawl tal-abbandun ta' dmirijiet ta' missier fuq mhedda twila ta' snin, il-Qorti tqis illi huwa fl-ahjar interess tal-minuri TCX illi l-kura u kustodja esklussiva tigi fdata f'idejn l-attrici omm.

Illi fir-rigward tal-manteniment, il-Qorti ma jidhiriliex illi ghandha tvarja dak minnha ddekretat nhar it-13 ta' Jannar 20133.

**Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:**

1. **Tilqa' l-ewwel talba u tordna li l-intimat missier iħallas lill-attriċi l-ammont ta' mitejn u ħamsin ewro (€250) kull xahar bħala manteniment għall-minuri TCX li għandu jibqa' jitħallas skond il-liġi u ċioe sakemm il-minuri jagħlaq it-tmintax (18)il sena. Kemm-il darba l-minuri jkompli jistudja fuq bażi *full-time*, l-manteniment għandu jkompli jitħallas sal-eta' ta' tlieta u għoxrin (23) sena jew sakemm il-minuri jittermina l-istudji tiegħu skont liema tavvera ruħha l-ewwel;**
2. **Tiċħad limitatament it-tieni talba u tordna illi l-ispejjeż ta' saħħa, edukazzjoni u dawk relatati mal-attivitajiet extrakurrikulari għandhom jibqgħu jitħallsu kif ordnat bid-digriet tat-13 ta' Jannar 2023 u cioe':**

   - ***"Tilqa' din it-talba u tordna illi intimat iħallas is-somma ta' mitejn u hamsin Ewro (€250) fix-xahar bhala manteniment ghall-minuri TCX u tordna illi l-manteniment dovut ghandu jizdied skond l-indici tal-gholi tal-hajja kull sena;***
   - ***Tordna illi l-ispejjes ta' sahha, edukazzjoni u dawk relatati mal-attivitajiet extra-kurrikulari ghandhom jithalsu bil-mod segwenti:***
     - ***L-attrici ghandha tibqa' thallas l-mizati tal-iskola privata b'mod esklussiv, b'dana illi l-ispejjes relatati max-xiri tal-kotba tal-iskola, stationary, u uniformi ghandhom jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet u dana fuq prezentata tad-debiti ricevuti.***
     - ***Il-privat tal-Maths fis-somma ta' erbghin Ewro (€40) kull xahar ghandu jithallas unikament mill-intimat.***
     - ***Illi fir-rigward tal-attivitajiet extra-kurrikulari bhal basketball u l-gym sessions, dawn ghandhom jithallsu b'mod ugwali mill-partijiet.***
     - ***Fir-rigward tal-ispejjes medici, il-Qorti tordna illi spejjes bazici bhal xiri ta' medicinali, ghandhom jinqasmu b'mod ugwali bejn il-partijiet, b'dana illi in vista tal-fatt li l-attrici minn rajha harget polza ta' assigurazzjoni medika ghal-minuri, din ghandha tkun a karigu taghha ghar-ragunijiet fuq indikati."***

3. **Tilqa' it-tielet talba u tordna lill-intimat missier iħallas l-ammont ta'**

**erbgħa u tletin elf, sebgħa mija u ħamsin (€34,750) bħala arretrati ta' manteniment dovuti mid-data tat-twelid tal-minuri TCX. Dan l-ammont għandu jitħallas f'pagamenti mensili ta' mitejn u ħamsin (€250);**

4. **Tilqa' r-raba' talba u tordna li r-residenza primarja tal-minuri ghandha tkun mal-attriċi omm fl-ahjar interess tal-minuri;**
5. **Tilqa' l-ħames talba u tafda l-kura u l-kustodja esklussiva tal-minuri TCX f'idejn l-attriċi, b'dana illi d-deċiżjonijiet kollha li jirrigwardaw lill-minuri, kemm dawk ta' natura ordinarja kif ukoll dawk ta' natura straordinarja u ċioe` dawk ta' edukazzjoni, saħħa, attivitajiet extra-kurrikulari u deċiżjonijiet dwar il-ħruġ o meno ta' passaport u identity card jittieħdu esklussivament mir-rikorrenti waħidha mingħajr ħtieġa tal-firma tal-intimat jew il-presenza tiegħu;**
6. **Tilqa' s-sitt talba u tordna illi kwalunkwe aċċess eżerċitat mill-missier għandu jsir bi qbil mal-minuri u għandu jiġi eżerċitat billi l-intimat missier jiġbor lill-minuri mir-residenza tal-Omm u jirritornah lura fl-istess residenza wara l-ħin miftiehem. Dan l-aċċess irid idur mal-bżonnijiet u l-impenji tal-istess minuri.**

**L-ispejjes ghandhom jigu divizi ugwalment bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**